# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 5 ta' Lulju 2017**

**Rikors Numru: 72/2016 CSH**

**Xerri Animal Feed Co. Limited (C20476)**

**vs**

**Frisky Poultry Farm Company Limited (C16936); Saviour sive Salvu Grima u Josephine sive Josette mart l-istess Saviour sive Salvu Grima**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' attrici Xerri Animal Feed Co. Limited nhar is-7 ta' April, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha l-ammont ta' tnax-il elf, mija u tmienja u tmenin Ewro w hamsa w disghin centezmu (€12,188.95) rapprezentanti ammont illi ghadu dovut ghall-bejgh u kunsinna ta' *broiler starter, broiler grower,* cana u xkejjer tal-injam illi gew mibjugha u debitament konsenjati fuq struzzjonijiet tal-konvenuti stess, u dana kollu kif sejjer jirrizulta dettaljatament fil-mori ta' dina l-procedura stess.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 113/2015 fl-ismijiet "Xerri Animal Feed Co. Limited vs Frisky Poultry Farm Company Limited et" kontra l-

konvenuti, u bl-imghax bl-ghola rata permessa mil-ligi mid-data ta' kull fattura relattiva u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha l-intimati minn issa huma ngunti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti ipprezentata nhar is-27 ta' April 2016 taghhom, fejn eccepew:

*"Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi l-ammont indikat mis-socjeta' attrici mhux dovut hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.*

*Illi kwalunkwe negozju li sar fil-passat bejn il-partijiet kien sar mal-kumpanija Frisky Poultry Farm Company Limited (C16936) u ghaldaqstant il-konvenuti Saviour sive Salvu Grima u Josephine sive Josette mart l-istess Saviour sive Salvu Grima ghandhom jigu mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Salv eccezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-kaz."*

Rat illi fid-19 ta' Ottubru, 2016 is-socjeta' attrici pprezentat nota li permezz taghhha pprezentat numru ta' dokumenti flimkien ma' erba' affidavits.

Rat l-affidavit ta' **Carmel Xerri**, direttur tas-socjeta' attrici li spjega li originarjament kien hu li beda n-negozju mas-socjeta' konvenuta u mas-sidien rapprezentanti taghha Saviour sive Salvu Grima u martu Josephine sive Josette Grima. Iddikjara li s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' tnax-il elf, mija u tmienja u tmenin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€12,188.95) oltre l-imghax mid-data ta' kull fattura relattiva. Spjega li tali

ammont jirrapprezenta bilanc minn ammont akbar li ghadu dovut ghall-bejgh u kunsinna ta' *broiler starter, broiler grower*, cana u xkejjer tal-injam. Dawn kollha gew mibjugha u debitament konsenjati fuq struzzjonijiet tal-konvenuti stess. Flimkien mar-rikors guramentat gew prezentati l-*istatement* u l-fatturi li jikkonfermaw dan kollu. Zied li ma' dan l-ammont ghandu jizdied ukoll l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) ukoll ikkalkolat mid-data ta' kull fattura. Kompla li skond ma gie kkonfermat mill-*accountant* tas-socjeta' attrici, sas-7 ta' Novembru 2015, l-imghax dovut kien jammonta ghal sitt elef, disa' mija u disgha u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€6,989.77) u ma' dan l-ammont ukoll ghandu jizdied l-imghax kkalkolat mill-imsemmija data sad-data tal-pagament effettiv.

Ix-xhud iddikjara li fil-mument meta sar l-ewwel kuntatt mal-konvenuti, hu kien ghamilhielhom cara li kellhom jiggarantixxu personalment id-debitu li kienet ser tinkorri s-socjeta' taghhom u huma kienu accettaw, tant li f'kaz identiku huma ammettew it-talba li kienet saritilhom mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' fornitura precedenti (Cit. Nru. 858/03NC fl-ismijiet "*Xerri Animal Feed Company Limited vs Frisky Poultry Farm Company Limited et*" deciza fit-12 ta' Novembru 2003). Ghalhekk, qal li l-istess konvenuti konjugi Grima huma responsabbli in solidum flimkien mas-socjeta' Frisky Poultry ghal kull ammont dovut lis-socjeta' attrici.

Sostna li minkejja li l-konvenuti nghataw diversi opportunitajiet sabiex ihallsu l-ammont dovut minnhom, huma baqghu ma hallsux ghalkemm dejjem ammettew illi kienu debituri fil-konfront tas-socjeta' attrici. Kien ghalhekk li kellha ssir din il-kawza biex jingabar l-ammont li huwa dejn cert, likwidu u dovut.

**Carmelo Xerri** xehed viva voce in kontro-ezami ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici nhar is-26 t'April 2017, fejn ikkonferma li hu kien jithallas

minghand il-biccier, u jithallas ta' dak li huwa dovut lilu u l-kumplament jehodhom Salvu Grima. Jghid li hu m'ghandux relazzjoni mal-biccier, u li l-flus ghandu jiehodhom minghand Grima, izda ma jafx ezatt kemm. Sa fejn jaf hu Grima thallas minghand il-biccier. Jghid li t-tielet taghbija ta' Grima, il-biccier ma hadhomx ghax kellu problemi fit-tigieg, izda kien hadhomlu l-Gvern. Xerri jghid li ma kienx thallas tat-tielet konsenja. Tenna li hu lil Grima jaf ghaliex il-gwiez lil Grima kien jaghtih mhux lill-biccier. Meta Grima joqtol it-tigieg u johodhom ghand il-biccier, hu jithallas tat-tigieg, tal-gwiez u l-kumplament johodhom Grima. Jghid li fl-ahhar konsenja jaf li Silvio Grima kellu xi problemi. Kellu s-salmonella u ghalhekk il-Gvern kien issekwestrahhomlu u ghalhekk Grima kellu jiehu l-flus minghand il-Gvern u x-xhud jghid li ma thallasx tal-gwiez tat-tielet konsenja. Il-ftehim kien li huwa jithallas minghand il-biccier meta l-affarijiet ikunu sewwa.

Xogholu kien li jaghmel supply tal-gwiez biss. Il-farm ma kienx jiehu hsiebu hu, izda kien Grima li jiehu hsiebu. Ix-xhud jghid li ma kellux x'jaqsam mal-Koperattiva. Jghid li l-koperattiva kellha kwistjoni fis-sena 2000 mhux dan l-ahhar. Jghid li ma jaghrafx firma tieghu fuq id-dokument a fol 31, jghid li t-tifel tieghu kien imur bil-gwiez ghand Salvu Grima kmieni filghodu u jhott ix-xoghol hemmhekk u meta ma kienx ikun hemm Grima hadd ma kien jiffirmalu l-invoice pero' meta kien ikun hemmhekk kien jiffirmalu. Id-*deliveries* ma kienx jiehu hsiebhom ix-xhud, jghid li kienu jiehdu hsiebuhom it-tfal, u li hu d-direttur tal-kumpanija. Spjega li l-ftehim li kellhom ma' Grima kien ha hsiebu hu, u li jhallas lil Grima hu, u li dan il-ftehim kien sehh darbtejn. Ikkonferma li Grima kien dahhal lit-tifla tieghu fin-negozju, u li t-tifla kienet tifforma parti minn din il-konsenja li mietu.

Rat ukoll l-affidavit ta’ **Vincenza sive Vivienne Xerri** li ddikjarat li hija l-*accountant* tas-socjeta’ attrici u ilha f’din il-kariga ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin. Hija kkonfermat li s-socjeta’ Frisky Poultry Farm Company Limited hija

debitrici fil-konfront tas-socjeta' Xerri Animal Feed Co. Limited fl-ammont ta' tnax-il elf, mija u tmienja u tmenin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€12,188.95), oltre l-imghax mid-data ta' kull fattura relattiva. Qalet li dan l-ammont jirrapprezenta bilanc minn ammont akbar illi ghadu dovut ghall-bejgh u kunsinna ta' *broiler starter, broiler grower*, cana u xkejjer tal-injam skond ma jirrizulta mill-istatement u fatturi illi jinsabu annessi mar-rikors guramentat u li gew ivverifikati u kkonfermati minnha stess.

Ziedet tghid li ma' dan l-ammont ghandu jizdied ukoll l-ammont ta' sitt elef, disgha mija u disgha u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centezmu u (€6,989.77) rapprezentanti imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) u kkalkolat mid-data ta' kull fattura sas-sebgha ta' Novembru 2015, ovvjament oltre l-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. Iddikjarat li rendikont ta' kif waslet ghal dan l-ammont ta' imghax jinsab anness flimkien mar-rikors guramentat bhala Dok. B u kkonfermat li dan sar minnha stess.

Rat l-affidavit ta' **Danny Xerri** li ddikjara li huwa bin il-konjugi Xerri u mpjegat mas-socjeta' attrici sa minn mindu nbdiet. Ikkonferma li din is-socjeta' hija proprjeta' tal-genituri tieghu u ilha topera mill-1996. Hu ilu jahdem hemm ghal dsatax-il sena u kellu diversi karigi u qeda diversi rwoli, dejjem skont il-bzonn. Ix-xhud qal li jiftakar meta s-socjeta' attrici bdiet taghti x-xoghol u l-prodotti taghha lis-socjeta' konvenuta li dak iz-zmien kellha *farm* tat-tigieg u minghand is-socjeta' attrici kienet tixtri l-ghalf, fost affarijiet ohra. Qal illi dak iz-zmien ma kellhomx idea tas-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta' konvenuta, missieru kien hass il-htiega li jesigi li kwalunkwe ammont dovut mis-socjeta' konvenuta jigi garantit mis-sidien u diretturi tas-socjeta' Frisky Poultry stess. Fil-fatt hekk gara, tant li kien hemm diga' procedura fil-Qorti fejn kemm is-socjeta' Frisky Poultry, kif ukoll il-konvenuti konjugi Grima bhala garanti ghall-istess socjeta' gew ikkundannati jhallsu ammont illi kien dovut minnhom lis-socjeta' attrici.

Ikkonferma li x-xoghol kollu li huma bieghu lis-socjeta' konvenuta, u li qed jitolbu hlas tieghu, gie kkonsenjat fl-interita' tieghu minnu personalment. Dan jinsab deskritt fil-fatturi annessi mar-rikors guramentat. Semma li hu personalment kien jiehu x-xoghol ordnat mis-socjeta' konvenuta fil-farm taghhom fl-Ahrax tal-Mellieha, fejn gieli kien hemm okkazjonijiet fejn Saviour Grima, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien jiftahlu u jilqghu hu stess. Pero' zied li bosta drabi kien imur u ma jsib lil hadd u f'dak il-kaz kien jibqa' diehel, ihott l-ixkejjer tal-ghalf u l-prodotti l-ohra u jitlaq. Qal li meta kien isib rapprezentant, kien jitolbu jiffirmalu *delivery note*, waqt li meta ma kien isib lil hadd kien ihalli l-*invoice* mal-prodotti li jkun ha. Dan kollu kien qed isir bil-kunsens u l-approvazzjoni tas-socjeta' Frisky Poultry u tar-rapprezentanti kollha taghha u fil-fatt qatt ma kien hemm xi tilwima f'dan is-sens u huma ma setghux jaghmlu mod iehor billi bosta mid-drabi ma kien ikun hemm hadd. Sostna li l-istess haga ssir ma' numru ta' klijenti ohra taghhom.

Qal li sakemm dam ghaddej dan l-arrangament, qatt ma rcieva xi telefonata jew komunikazzjoni mis-socjeta' konvenuta fejn ilmentaw li kien hemm xi diskrepanza bejn il-fattura u l-kunsenja. Qal ukoll li apparti ghalf, gieli kkonsenja wkoll cana u xkejjer tal-injam. Bil-gurament ikkonferma illi d-*deliveries* li jirrizultaw mill-fatturi saru minnu personalment. Ghad-*deliveries* normalment kien ikun wahdu. Fl-opinjoni tieghu is-socjeta' Frisky Poultry Farm Ltd, ghandha tigi kundannata thallas l-ammont dovut lis-socjeta' taghhom.

Rat ukoll l-affidavit ta' **Jeffrey Xerri**. Iddikjara li huwa iben Carmel u Carmen Xerri u ghandu l-kariga ta' Manager fi hdan is-socjeta' attrici. Bejn wiehed u iehor ilu jahdem mal-kumpanija sa mis-sena 2000. Ikkonferma li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' €12,188.95 oltre l-imghax mid-data ta' kull fattura relattiva. Dan l-ammont hu dovut ghall-bejgh u kunsinna ta' *broiler*

*starter, broiler grower,* cana u xkejjer tal-injam, kollha mibjugha u konsenjati fuq struzzjonijiet tal-konvenuti.

Spjega li fil-kaz ta' Frisky Poultry fil-maggoranza tal-kazi l-ordni ghal xoghol kienet tidhol ma' huh Danny Xerri li mbaghad kien jghaddiha lilu. Hu kien jorganizza u jghaqqad ix-xoghol u d-*delivery* mbaghad kienet issir minn Danny. Ikkonferma li l-*istatements* u l-*invoices* annessi mar-rikors guramentat ilkoll jirrapprezentaw xoghol ordnat mill-konvenuti stess. Ikkonferma wkoll li minkejja li kien hemm xi diffikultajiet finanzjarji da parti tal-konvenuti, qatt ma kien hemm problemi jew ilmenti dwar ix-xoghol fornut mill-kumpanija attrici, jew akkuzi illi l-ammont reklamat ma kienx dovut. Ghaldaqstant sostna li sakemm dam ghaddej ix-xoghol, zgur li ma kien hemm problemi ta' xejn dwar l-ammonti dovuti lis-socjeta' attrici. Anzi zied li mhux talli hekk, talli kull meta ltaqghu mar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, parikolarment ma' Salvu Grima, gieli anke fil-prezenza tal-avukata tieghu, dan qatt ma cahad li kellu jaghti lill-kumpanija attrici u l-unika haga li kien jitlobhom kien biss u semplicement zmien biex ikun f'posizzjoni ihallas l-ammont reklamat. Stqarr pero' li kien hemm okkazjoni fejn Salvu Grima kien talabhom jaqtghulu xi haga mill-kont minhabba s-sitwazzjoni finanzjara li kien fiha.

Kien meta s-socjeta' attrici bdiet tirsisti ghall-hlas, illi l-konvenuti lmentaw li ma baqghux jaqblu mal-kont, izda sostna li din hija biss skuza biex jevitaw milli jhallsu. Qal li l-materjal u l-ghalf li gie fornut, kien ivverifikah hu stess u l-ammont reklamat huwa dovut fl-intier tieghu.

Rat in-nota ta' **Saviour Grima** pprezentata fil-25 ta' Jannar, 2017 fejn huwa pprezenta l-affidavit tieghu fejn spjega illi huwa jaf lis-Sur Xerri, cioe' lil missier l-attur, u li bejniethom kellhom arrangement li hu kellu jrabbi l-flieles (li jaghtih il-biccier) filwaqt li Xerri jtih ic-cana, l-ikel u l-affarijiet kollha relatati mat-trobbija

tal-flieles u meta jinqatlu t-tigieg, Xerri jithallas lura mir-rikavat filwaqt li hu jzomm li jibqa'. Qal li la hu u lanqas martu ma kienu jahdmu f'isimhom proprju, izda f'isem il-kumpanija Frisky Poultry Farm Company Limited (C16936). Gara pero' li meta t-tigieg ittiehdu ghand il-bicciera, dawn qatluhom pero' la hallsu lill-kumpanija u lanqas lilhom personalment. Spjega li dak li kien jigri solitament kien li l-ewwel kien jithallas Xerri u milli jibqa' kienu jhallsu l-kumpanija, pero' kien hemm perjodu meta ma kienux hallsuhom. Ovvjament dan kellu konsegwenzi ghaliex tal-gwiez ma baqghux jaghtuhom gwiez u allura ma kienx ikollhom minn fejn jixtru. Qal li bhala biccier kienu jahdmu l-iktar ma' Valhmor Borg, pero' kien is-Sur Xerri li jithallas u jiehu hsieb il-flus u peress li l-arrangamenti li kellu jaghmel Xerri kien mal-biccier, jidher la huwa u lanqas il-kumpanija tieghu ma thallsu u lanqas hu personalment (x-xhud).

Xehed viva voce **Salvu Grima** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici nhar is-26 t'April 2017, jghid li dwar din it-tielet konsenja tat-tigieg kien hallashom il-Gvern u kien iddepozita l-flus il-Qorti pero' ma kienx iddepozita l-ammont ta' flus li huma kienu qieghdin jippretendu. Gie depozitat biss kemm kellhom bzonn gwiez, fil-fatt hemm mandat ta' sekwestru fuqu kif ukoll fuq bintu. Jghid li t-tigieg mietu ghaliex dahlet is-*salmonella* bil-grieden tad-drenagg u jghid li fil-fatt id-dranagg jinsab erba' mili 'l boghod mill-farm tieghu. Jghid li huwa kien inghata gagga mis-Sur Xerri u din kellha xi tracci ta' *salmonella*. Jghid li kienu n-nies li qalulu li l-gagga kellha s-salmonella u li effettivament qabel kienet ghand is-Sur Xerri. Jghid li hu ppretenda li l-Gvern xorta ghandu jhallsu ta' dawn it-tigieg. Jghid li huwa minnu li Xerri Animal Feed kien jahdem kemm ma' Valle Miele kif ukoll ma' Vahlmor Borg u fil-fatt Vahlmor Borg kien jahdem mieghu wkoll. Valhmor Borg ma kellu xejn x'jaqsam ma' Xerri. Jghid li fil-passat kellu kwistjoni ma' Edward Borg ghan-nom ta' Valhmor Borg u dan ghaliex kien idum biex ihallashom.

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti mill-attur fosthom u b'mod partikolari is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' Novembru 2013 bejn l-istess kontendenti fejn f'dik il-kawza s-socjeta' attrici kienet qed tfittex lill-istess socjeta' konvenuta u l-konjugi Grima bhal fil-kawza odjerna bhala garanti tas-socjeta' konvenuta, liema kawza kienet ukoll saret minhabba bejgh u konsenja ta' ghalf tat-tigieg mibjugha mis-socjeta' attrici lilhom u f'dik il-kawza il-konjugi Grima kienu ammettew li kienu qed jiggarantixxu id-debitu tas-socjeta' konvenuta tant li gew kkundannati in solidum mas-socjeta' konvenuta ihallsu d-debitu reklamat.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2017 l-avukati tal-partijiet dehru quddiem il-Qorti u kienu qed jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u talbu lil din l-istess Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza *in breve* is-socjeta' attrici qed titlob lil din l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta u lill-konjugi Grima in solidum sabiex ihallsuha s-somma mitluba minnha fir-rikors promotur taghha u cioe' l-ammont ta' tnax-il elf, mija u tmienja u tmenin Ewro w hamsa w disghin centezmu (€12,188.95) rapprezentanti din is-somma bejgh u konsenja ta' broiler starter, broiler grower, cana u xkejjer tal-injam li gew konsenjati minnha fuq talba tal-konvenuti.

Minn naha l-ohra il-konvenuti fl-ewwel lok qed jghidu li in kwantu ghall-konjugi Grima dawn m'humiex il-legittimi kontaditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u dan ghaliex ir-relazzjoni kontrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta. Fit-tieni lok l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li f`kawza ta` din ix-xorta fejn il-kredibilita` u l-veracita` tal-provi huma determinanti, hija trid tfittex li toqghod fuq l-ahjar prova, u tmur ghall-provi sekondarji biss meta tal-ewwel ma jkunux disponibbli.

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" (mhux appellata), dik il-Qorti fis-sentenza taghha kellha l-okkazjoni tidhol f`dettall dwar kif ghandu jigi trattat l-oneru tal-prova. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi l-linji ta` hsieb li kienu traccjati f`dik is-sentenza jimmeritaw riferenza konsiderata u partikolari ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

Bosta kienu il-principji li ttrattat il-Qorti f`dik id-decizjoni u li din il-Qorti tghid li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk –

"*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika*" (ara - P.A. PS - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et** - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).

Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs Raymond**

**Mercieca**). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**)

Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kapitolu 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).

… Izda dak li jghodd f'kawza m'huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "*il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et**)

Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbaghti tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li *actore non probante reus absolvitur* (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd**.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**).

Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**)

Fil-kwadru tal-insenjamenti li johorgu minn din is-sentenza, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-provi li tressqu fil-kawza tal-lum.

1. Illi is-socjeta' attrici resqet diversi xhieda sabiex tipprova in-negozju li kien isir bejnha u bejn il-konvenuti tant li sahanstira anke esebiet statement u fatturi li jiddettaljaw dak illi jirraprezenta l-ammont (Dok A1 sa Dok A 19) fl-

ammont ta' €12,188.95 li jkopru diversi konsenji ta' mercja li saru bejn is-6 ta' Awwissu 2010 u l-20 ta' Ottubru 2010, liema invoices qatt ma gew kontestati mill-konvenuti.

2. Illi ix-xhieda li resqet is-socjeta' attrici kienu tali li kkonfermaw li effetivament din il-mercja giet effettivament konsenjata u li l-konvenuti ma hallsux ghaliex ippretendew li ma jhallsux ghaliex huma ma thallsux minghand il-biccier.
3. Il-fatt li l-konvenuti qed jghidu li allegatament it-tigieg li kabbru mietu ghaliex kellhom il-marda tas-salmonella ma tezenthomx mill-obbligu li jhallsu ghal dak li gie konsenjat lilhom ghat-tkabbir ta' dawn il-flieles.
4. Il-konvenut Salvu Grima jghid illi l-gagga fejn kellu t-tigieg giet suplita lilu mis-socjeta' attrici u din gja kellha tracci ta' salmonella pero' provi dwar dan ma ressaqx.
5. Illi l-konvenuti fl-ebda hin ma ndikaw liema invoices kienu qed jikkontestaw. Jinghad li f'din il-kawza s-socjeta' attrici kienet tissupplixxi *broiler starter, broiler grower,* cana u xkejjer tal-injam lill-konvenuti sabiex dawn irabbu t-tigieg. Insegwitu s-socjeta' konvenuta tiehu dawn it-tigieg ghand il-biccier, dawn jinqatlu u l-biccier ihallas id-debitu li jkollhom il-konvenuti mas-socjeta' attrici u l-bilanc jinzamm mill-istess konvenuti. Jidher pero' li relazzjoni diretta bejn il-biccier u s-socjeta' attrici ma kienx hemm u dan ghaliex is-socjeta' konvenuta naqset li tipprova r-relazjoni li semmai setgha kien hemm.

In oltre il-konvenuti konjugi Grima qed isostnu li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex in-negozju li sar mis-socjeta' attrici sar mas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici dan cahditu permezz tax-xhieda taghha li lkoll qalu li l-konvenuti Grima kienu garanti tas-socjeta' taghhom dik konvenuta tant li f'kawza ohra li kellhom quddiem il-Prim'Awla li huma ntavolaw fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u l-konjugi Grima, il-konjugi Grima kienu dehru quddiem il-Qorti u rregistraw ammissjoni ghat-talba attrici. Is-socjeta' konvenuta

ma resqet l-ebda prova imqar ckejkna sabiex tipprova li s-sitwazzjoni ma baqghetx l-istess minn dak in-nhar '1 hawn. Is-socjeta' konvenuta lanqas ma ressqet xi prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-flejjes reklamati m'humiex dovuti. Il-fatt li qalet li t-tigieg mietu b'salmonella ma jfissirx li d-debitu taghhom m'ghandux jithallas. Ma hemm l-ebda prova fil-provi li tindika li l-allegat mard (li lanqas din l-allegazzjoni ma giet provata kif rikjest) kien kontribwibbli lejn is-socjeta' attrici.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi pero' qed tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' tnax-il elf, mija u tmienja u tmenin Ewro w hamsa w disghin centezmu (€12,188.95) filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet taghhom.**

**Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 113/2015 fl-ismijiet "Xerri Animal Feed Co. Limited vs Frisky Poultry Farm Company Limited et" kontra l-konvenuti, u bl-imghax bl-ghola rata permessa mil-ligi mid-data ta' kull fattura relattiva a karigu tal-konvenuti in solidum.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**